# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 43/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kenneth Borg**

Illum 4 ta' Novembru, 2019.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Kenneth Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 112075 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xhur ta' Ġunju, 2017 u Lulju 2017, ġewwa l-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat, naqas li jagħti lil Joanne Borg , is-somma ta' 250 Ewro għal kull xahar, ffissata minn din il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u /jew martu , fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-

ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma (Kap 9 Artikolu 338 (z))

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 ta' Jannar,2018 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu għal xahar priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Borg ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-8 ta' Frar, 2018 li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata u u b'mod alternattiv li tibdel il-piena imposta, b'piena aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fis-semplicita' taghhom, anke jekk b'effetti potenzjalment xejn felici, li l-imputat allegatament naqas milli jhallas il-manteniment minnu dovut skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tieghu li huwa kien debitament skonta l-obbligu tieghu kif jidher mill-

*istatements* tal-kont bankarju f'ismu. Din il-prova ma kienitx in atti fiz-zmien meta kien intavolat l-appell izda fic-cirkostanzi partikolari li prestaw ruhom bhala idonei ghal-uzu ta' eccezzjoni diskrezzjonali minn din il-qorti dwar provi godda fi stadju ta' appell, din il-Qorti awtorizzat din il-prova. Konsegwenza ta' dan, wara li l-kwerelanta kellha l-opportunita' tara dawn l-istatements ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammonti pretizi ghax-xhur ta' Gunju u Lulju 2017 fil-fatt kienu thallsu f'Jannar, 2018 u mhux qabel kif jghid l-imputat;

3. Minn ezami tal-atti u d-deposizzjoni tal-partijiet, huwa evidenti illi l-insistenza tal-imputat li hu hallas l-ammonti dovuti u dik tal-kwerelanti li dawn thallsu izda ferm u ferm wara r-rapport taghha f'Jannar 2018, huwa dovut ghas-sistema addotta tal-imputat li jaghmel hlas tal-manteniment bil-quddiem akkumpanjat bi zmien ta' silenzju, igifieri zmien fejn ma jhallas xejn sabiex imbaghad jerga jaghmel hlas iehor li bih johloq konfuzzjoni dwar jekk dak il-hlas kienx qed ikopri perjodu retroattiv jekk mhux ukoll in parti perjodu futur;

4. Din il-konfuzzjoni, izda, hija rizolta bl-ghaqal tal-kwerelanti li gharrfet izzomm rendikont preciz tal-ammonti dovuti u dawk imhallsa. Jibqa' xi jkun konsiderat, izda, li mid-deposizzjoni tal-kwerelanta jirrizulta li l-imputat kien hallas il-manteniment dovut in linea mas-sentenzi ta' din il-Qorti f'cirkostanzi konsimili, fejn hija meqjusa skontata l-intenzjoni tal-legislatur emergenti mill-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali proprju bil-hlas tal-manteniment dovut;

5. Il-Qorti tara bhala aktar attendibbli l-verzjoni tal-kwerelanta li l-ammonti dovuti rapprezentanti l-perjodi ta' Gunju u Lulju 2017 thallsu f'Jannar, 2018;

6. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed ikun michud;

7. Kwantu t-tieni aggravju, kif gia konsiderat *supra,* ser jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi l-manteniment dovut mill-appellant finalment kien imhallas u dan minghajr ma titwarrab l-importanza tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, intiz sabiex jithallas dak il-manteniment ordnat mill-Qorti intiz sabiex jiggarantixxi l-ghejxien tal-parti jew tal-wild;

8. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt illi tichad l-ewwel talba tal-apellant ghar-revoka tas-sentenza appellata, tilqa' t-tieni talba u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha f'dik il parti li biha sabet lill-appellant hati tal-unika imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghall-terminu ta' xahar prigunerija u minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett xhur mil-lum.